MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 247/1998

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)

vs

Michael Chircop

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Michael Chircop ta' karta ta' identita' numru 501161(m) akkuzat talli:

1. nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru, 1996, ghal habta ta' nofsinhar, f'Hal Qormi, flimkien ma' zewg persuni ohra ta' identita' mhix maghrufa, kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb, hagar prezzjuz u gojjellerija ta' tipi differenti flimkien ma' diversi arloggi u affarijiet ohra illi l-valur globali taghhom jammonta ghal madwar Lm35,234 mill-

hanut bl-isem ta' 'Paulina Jewellery' li jinsab sitwat fil-fond 86, Triq San Bastjan, Hal-Qormi, ghad-dannu ta' l-kumpanija 'Robert Vella Co. Ltd' liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm10,000, bil-vjolenza, bil-lok u bil-mezz;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' li jikkommetti reat ta' serq mill-hanut bl-isem ta' Paulina Jewellery li jinsab sitwat fil-fond 86, Triq San Bastjan, Hla Qormi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1,000, bil-vjolenza, bil-lok u bil-mezz ghad-dannu tal-kumpanija 'Robert Vella Company Limited' liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Vella li huwa d-direttur tal-imsemmi stabbiliment, kontra l-volonta' tieghu u b'dan talli l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet mhedda bil-mewt jew sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex il-persuna msemmija jkun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejgu jew ta' hwejjeg il-kumpanija li jirraprezenta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fi-hin li ghamel id-delitt ta' serq, kellu fuq il-persuna tieghu, arma tan-nar, arma regulari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regulari;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma tan-nar, minghajr licenzja ta' l-Kummissarju tal-pulizija;

6. nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru, 1996 u fis-sitt xhur ta' wara, f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

7. sar recidiv ai terimini ta’ l-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga’ nstab hati u kkundannat ta’ reati mill-0Qorti Kriminali Superjuri ta’ Malta nhar il-15 ta’ Dicembru, 1982 u nhar il-11 ta’ Jannar, 1983 rispettivament, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

8. sar recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga’ nstab hati u kkundannat ta’ reat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-23 ta’ Awissu, 1991, liema sentenza ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li bihom u a bazi tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati baghat lill-imputat biex jigi gudikat quddiemha salv opposizzjoni minn naha tieghu;

Rat li l-imputat ma opponix li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Ezaminat id-dokumenti;

Rat l-atti flimkien mad-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputazzjonijiet dedotti jitrattaw is-serq, hekk kif aggravat bi vjolenza, mezz, ammomnt u lok; l-attentat tieghu; ir-ricettazzjoni; l-arrest, dentenzjoni u sekwestru ta’ persuna; taht l-Artikolu 329 u 330; u r-recidiva – ilkoll taht il-Kap. 9. Hemm ukoll akkuzi relatati ma’ offizi kontra –Ordinanza dwar l-Armi senjatament fl-Artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27.

Mill-provi jirrizulta li nhar it-23 ta’ Ottubru, 1996 twettaq serq minn hanut tad-deheb bl-isem ta’ ‘Paulina Jewellery

Shop', numru 86, Triq San Basjtan, Qormi, fil-kors ta' liema serq certu Joseph Vella, li kien qieghed jiggestixxi l-hanut dak il-hin, spicca minaccjat b'arma tan-nar, agredit, u b'idejh marbuta. Il-fatti rilevanti ghal dan is-serq huma dokumentati dettaljatament fil-process. Hu allegat li gie orkestrat minn tlieta minn nies – zewg irgiel u mara – b'wiehed mill-irgiel libes balaklava. Skond lista provduta mill-imsemmi Joseph Vella, il-vaur tar-refurtiva involuta kienet ta' Lm35,234.06 konsistenti f'deheb, arloggi, fided u oggetti ohra ta' gjojellerija. Fatt li jirrizulta mill-process verbal u xhieda tal-ufficjal prosekutur hu li r-refurtiva kollha ttiehdet minn oggetti esposti fil-vettrini waqt li ma ntmiss 'safe' li kien fih Lm2,500 fi flus lokali kontanti, 650 sterlini u 94 curkett ta' ghamliet differenti.

L-imputat jinsab, fl-ewwel lok, akkuzat b'dan is-serq u bl-attentat tieghu riferibbilment in kwantu ghal dan l-ahhar ghall-flus u oggetti li kienu fis-safe. Fil-kuntest ta' din l-akkuza stranament ma xehditx il-persuna li kienet fil-hanut, ossija l-imsemmi Joseph Vella, u l-provi rigward din l-akkuza huma cirkoskritti fi provi cirkostanzjali biss sakemm jistghu jreggu fil-kuntest tar-reita' ghal din l-akkuza.

Fil-konfront ta' dan ir-reat ghandu jirrizulta li fuq l-esitu tieghu, jekk pruvat kontra l-imputat, ireggu l-akkuzi l-ohra, apparti r-ricettazzjoni u r-recidiva, stante illi r-reati l-ohra li bihom l-imputat hu akkuzat jiskaturixxu u huma konsegwenza unika u diretta ghar-reat ta' serq u l-attentat tieghu.

Issa fid-dawl tal-provi in atti m'hemm xejn li jikkollega l-imputat ma' dan is-serq hlief ghal ftit fatturi li ser jissemmew aktar 'il quddiem. Jonqos, izda, fattur determinanti u krucjali, fil-fehma ta' din il-Qorti, li hu l-kollegament tar-refurtiva mal-oggetti li gew misjuba u elevati minghand l-imputat. Ukoll lanqas ma jesisti dan il-kollegament mill-impronti digitali li kienu gew elevati mill-lok tas-serqa liema komparazzjoni taghhom mal-impronti tal-imputat taw ezitu negattiv. F'dan il-kuntest hi nieqsa l-prova regina konsistenti filli d-derubat qatt ma gie prodott sabiex jixhed viva voce quddiem din il-Qorti u ghalhekk

ma hemmx l-gharfien li l-oggetti elevati minghand l-imputat kienu fost l-oggetti misruqa. Mill-prospett li gie kompilat mid-derubat u ppresentat minnu lill-perit Richard Aquilina gja nominat mill-Magistrat Inkwirenti komparat mal-prospett tal-oggetti misjuba ghand l-imputat difficilment tista' treggi l-prova konklusiva li dawn l-ahhar oggetti kienu provenjenti minn dan is-serq. In-nuqqas tax-xhieda tad-derubat kellha wkoll konsegwenza ohra stante illi fic-cirkostanzi setghet talvolta twassal ghall-gharfien ta' l-imputat jew anke addirittura ghall-iskagunar tieghu.

Illi mill-banda l-ohra jezistu xi fatturi, kif accennat aktar 'il fuq, li in virtu ta' liema jista' jigi argumentat li jikkojinvolgu l-imputat mas-serqa. Dawn il-fatturi jikkonsistu f'diskors li ntqal mill-imputat, il-pussess recenti ta' oggetti simili fil-genere mal-oggetti misruqa u t-tentattiv tieghu li jispacchom u l-fatt li circa erba' sieghat qabel ma saret is-serqa huwa kien twassal Hal Qormi. Din il-Qorti pero' mhix sodisfatta li dawn il-fatturi per se u fin-nuqqas tal-prova regina fuq accennata jistghu joffru dik ic-certezza u konvinciment morali fiha li l-imputat kien effettivament partecipi attiv jew anke passi f'dan is-serq. Invece li hu cert hu li l-imputat instab fil-pussess ta' oggetti li taghhom hu ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar kif gie fil-pussess taghhom u li pprova jispaccja u ghalhekk ireggi fic-cirkostanzi u l-assiem tal-provi r-reat ta' ricettazzjoni sic et sempliciter. A skans ta' kull ekwivoku pero' ghandu jigi sottolinejat li r-recettar tal-oggetti misjuba ghandu mhux necessarjament huma dawk provenjenti dan is-serq. M'hemmx fil-fatt u lanqas jita' jkun hemm fic-cirkostanzi prova fuq daqshekk.

Illi kif fuq gja accennat il-konsegwenza ta' dan hu li ma jistghux ireggu kontra l-imputat la l-attentat ta' serq, la r-reati kontemplati fl-Artikolu 329 u 330 tal-Kap 9 u lanqas l-offizi taht l-Ordinanza dwar l-Armi. Giet izda pruvata r-recidiva tal-imputat u kif intqal ir-ricettazzjoni a bazi tal-Artikolu 334 tac-citat Kap f'liema kuntest u in bazi ghall-istima relattiva tal-espert nominat minnha stess hi f'valur ta' ftit anqas minn Lm3,000.

Ghaldaqstant u fuq l-iskorta ta' dan fuq espost tiddeciedi li ssib htija fl-imputat fir-rigward biss ir-ricettazzjoni u r-recidiva. Ma ssibx htija ghar-reati l-ohra dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah. Rat ghal dik li hi piena l-Artikolu 334, 286, 49, 50 u 31 tal-Kap 9 u tikkundannah sitt xhur prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk li l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------